Nru./No. 19,359
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2014
Friday, 19th December, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,907 - 13,934
Government Notices ..... *13,907 - 13,934*

Avviż tal-Pulizija 13,934
Police Notice *13,934*

Avviż lill-Baħħara 13,935
Notice to Mariners *13,935*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,935 - 13,947
Employment Opportunities ..... *13,935 - 13,947*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,947 - 13,952
Notices ..... *13,947 - 13,952*

Offerti ..... 13,953 - 13,977
Tenders ..... *13,953 - 13,977*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,978 - 13,990
Court Notices ..... *13,978 - 13,990*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1283

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XLI tal-2014 imsejjaħ l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor;

Att Nru. XLII tal-2014 imsejjaħ l-Att tal-2014 li jemenda l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati); u

Att Nru. XLIII tal-2014 imsejjaħ l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

Nru. 1284

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, awtorizzat ir-rikonoxximent tal-għotja tal-unur ta' *Cavaliere dell'Ordine della Stella d'Italia* lis-Sur Paul A. Attard (wara mewtu) mir-Repubblika Taljana.

It-18 ta' Settembru, 2013
(COF/575/1962/XI)

Nru. 1285

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Diċembru, 2014 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1275 tat-13 ta' Diċembru, 2014, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-17 ta' Diċembru, 2014
(OPM/81/2013/VIII)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1283

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XLI of 2014 entitled the Lotteries and Other Games (Amendment) Act, 2014;

Act No. XLII of 2014 entitled the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Amendment) Act, 2014; and

Act No. XLIII of 2014 entitled the Value Added Tax (Amendment) Act, 2014.

19th December, 2014

No. 1284

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the award of *Cavaliere dell'Ordine della Stella d'Italia* to Mr Paul A. Attard (posthumously) by the Italian Republic.

18th September, 2013

No. 1285

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons.), MA (European Studies), Ph D (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Wednesday, 17th December, 2014 and that the arrangements made by Government Notice No.1275 of the 13th December, 2014, ceased to have effect accordingly.

17th December, 2014

Nru. 1286

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2014, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

Is-17 ta' Diċembru, 2014
(OPM/81/2013/VIII)

No. 2286

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputy Prime Minister and Minister for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 18th December, 2014, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

17th December, 2014

Nru. 1287

ATT DWAR L-UGWALJANZA GĦALL-IRĠIEL U N-NISA (KAP. 456)

Ħatra ta' Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sinjura Lorraine Spiteri bħala membru tal-Bord tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Din il-ħatra tibqa' valida sad-19 ta' Marzu, 2015.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1287

EQUALITY FOR MEN AND WOMEN ACT (CAP. 456)

Appointment of Member on the National Commission for the Promotion of Equality Board

IN exercise of the powers conferred by article 11 of the Equality for Men and Women Act, and for the purpose of that Act, the Prime Minister has approved the appointment of Ms Lorraine Spiteri as member of the National Commission for the Promotion of Equality Board. This appointment is valid until 19th March, 2015.

19th December, 2014

Nru. 1288

ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra ta' *Chairperson* fuq it-Tribunal Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 73 (2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sur Charles Cassar bħala *Chairperson* fuq it-Tribunal Industrijali. Din il-ħatra tibqa' tgħodd sal-31 ta' Diċembru, 2017.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1288

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of Chairperson of the Industrial Tribunal

IN exercise of the powers conferred by article 73 (2) of the Employment and Industrial Relations Act, and for the purpose of that Act, the Prime Minister has approved the appointment of Mr Charles Cassar as Chairperson of the Industrial Tribunal. This appointment is valid for three years, and ends on 31st December, 2017.

19th December, 2014

Nru. 1289

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' daħal għal dmirijietu nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1251 tat-Tlieta, id-9 ta' Diċembru, 2014, huma b'din imħassrin.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1289

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on Monday, 15th December, 2014, and the arrangements referred to in Government Notice No. 1251 of Tuesday, 9th December, 2014, are hereby repealed.

19th December, 2014

Nru. 1290

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Sam Abela bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Tiziana Maria Refalo, u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Diċembru, 2014, u s-7 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1290

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Sam Abela to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Tiziana Maria Refalo for the period between the 4th and the 7th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1291

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Sam Abela bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Anthony Abela, u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Diċembru, 2014, u t-8 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1291

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Sam Abela to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Anthony Abela for the period between the 4th and the 8th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1292

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Luke Caruana bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Peter Fleri-Soler, u dan għall-perjodu bejn il-11 ta' Diċembru, 2014, u l-15 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1292

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Luke Caruana to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Peter Fleri-Soler for the period between the 11th and the 15th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1293

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Keith Zammit bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Sara Ellul, u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2014, u l-15 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1293

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Keith Zammit to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Sara Ellul for the period between the 12th and the 15th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1294

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Luke Caruana bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Daniela Mercieca, u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2014, u s-17 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1294

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Luke Caruana to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Daniela Mercieca for the period between the 12th and the 17th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1295

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Samuel Bezzina bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Elaine Farrugia, u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2014, u s-17 ta' Diċembru, 2014.

Illum, 10 ta' Diċembru, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1295

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Samuel Bezzina to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Elaine Farrugia for the period between the 12th and the 17th December, 2014.

Today, 10th December, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1296

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA, KAP. 372

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) b'dan javża lill-persuni/kumpanniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem *Name*	Referenza *Reference*
Mr Alessandro Farrugia	232775M
Mr Carmel Bugeja	491461M
Mr Charles Spiteri	278067M
Mr Evan Cumbo	363255M
Mr Geoffrey Warr	375866M
Mr Mario Grixti	204864M
Mr Neville Muscat	464573M
Mr Pavel Ziborov	665557901
Mr Roger Attard	281473M
Mr Wentao Hou	664471632
Ms Eleanor Attard	347771M
Ms Xu Quinyi	22622A

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1296

INCOME TAX MANAGEMENT ACT CAP. 372

Notice in terms of Article 29

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Director General (Inland Revenue Department) hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

19th December, 2014

Nru. 1297

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1020 tal-2013

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq Restawr ta' Bjar Domestiċi li jintużaw għall-ilma tax-xita, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1020 tal-2013 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2015.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1297

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Extension of Scheme Established by means of Government Notice No. 1020 of 2013

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant for the Restoration of Domestic Cisterns intended for rain water harvesting, established by means of Government Notice No.1020 of 2013 is being extended to 31st December, 2015.

19th December, 2014

Nru. 1298

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 409 tal-2012

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' sistemi għal użu domestiku li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 409 tal-2012 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2015.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1298

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Extension of Scheme Established by means of Government Notice No. 409 of 2012

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant for the purchase of systems for domestic use that reduce the consumption of energy, established by means of Government Notice No.409 of 2012 is being extended to 31st December, 2015.

19th December, 2014

Nru. 1299

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 347 tal-2011

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' sistemi ta' *solar water heaters* fis-settur domestiku – sejħa nazzjonali 2011/SWH, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 347 tal-2011 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2015.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1299

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Extension of Scheme established by means of Government Notice No. 347 of 2011

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant for the purchase of solar water heater systems in the domestic sector – 2011/SWH/ national call, established by means of Government Notice No.347 of 2011 is being extended to 31st December, 2015.

19th December, 2014

Nru. 1300

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1300

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guards

Isem u Kunjom *Name and Surname*	Numru tal-Karta ta' Identità *Identità Card No.*	Indirizz *Address*
Leone Aquilina	531995 (M)	96, "L-Għorfa", Triq il-Keffa, Swieqi.
Eugenio Agius	650858 (M)	197, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.
Robert Xuereb	326975 (M)	61, "St. Joseph's", Triq il-Qalb Ta' Ġesù, Paola.
Kane Zammit	250386 (M)	7E, Triq Bonavita, San Ġiljan.
Paul Grech	759061 (M)	1, "Belvedere", Triq Santa Duminka, Żabbar.
Charles Pisani	649959 (M)	"Chardor", Triq il-Bikri, Żabbar.
Yvonne D'Anastasi	576762 (M)	8, Triq il-Kamelja, Ħamrun.
Anthony Borg	108553 (M)	39, "Krisette", Triq il-Brolli, Birżebbuġa.
Joseph Giordimaina	386959 (M)	20, "Ġużeppina", Triq San Luqa, Rabat.
Alaa Khemiri	82751 (A)	47, "My Nest", Flat 3, Triq San Ġorġ, Gżira.
Rose Buttigieg	41160 (G)	30, "Ta' Sunny", Flat 1, Pjazza San Ġużepp, Qala, Għawdex.
Plamen Georgiev Neshkov	72682 (A)	32, "Filcar", Flat 4, Triq Giuseppe Despott, San Pawl il-Baħar.
Matthew Mifsud	524483 (M)	"St. Paul's", Blokk A, Flat 4, Triq San Vinċenz, Ħamrun.
Raymond Mula	113969 (M)	"Dorray", Triq San Ġwann, Ħal Għargħur.
Kurt Cristina	315996 (M)	22, "Chircop Buildings", Flat 4, Triq Anton Buttigieg, Ħamrun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

Nru. 1301

ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504)

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiddikjara li s-sit li jinkludi fih il-propjetajiet:

Blackley Bakery, Kington House u Binjiet Anċillari, fi Triq id-Duluri, It-Telgħa ta' Gwardamanġa u Triq Blackley, Tal-Pietà

(ara l-pjanta tas-sit f'paġna 13,916) hi propjetà skedata li hi inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont it-termini tal-Artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u Ippjanar tal-Iżvilupp bħala binja ta' patrimonju storiku, arkitettoniku, kulturali u kuntestwali ta' Grad 2 skont in-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nru. 241/97 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal Gvern

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

19th December, 2014

No. 1301

CONSERVATION ORDER

Section 81 of the Environment and Development Planning Act (Cap. 504)

The Malta Environment and Planning Authority has included in the List of Scheduled Property the site comprising of the properties:

Blackley Bakery, Kington House and Ancillary Buildings, at Triq id-Duluri, Gwardamangia Hill and Triq Blackley, Tal-Pietà

(refer to site plan on page 13,916) in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act as a Grade 2 building of historical, architectural, cultural and contextual heritage value according to Government Notices No. 241/97 published in the Government Gazette dated 7th April 1997, and as partially amended in Government Notice

fis-7 ta' April 1997, u kif parzjalment emendata sabiex jiġu rriklassifikati l-propjetajiet Nru. 3 (il-binja u l-parti miftuħa maġenb Kington House) u Nru 4. ("Willkommen") fi Triq Blackley bħala ta' Patrimonju ta' Grad 3 skont skont in-Notifikazzjoni Nru 349/01 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' April 2001.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-propjetà hi fi stat ta' abbandun u qed tiddeterjora, u minħabba l-istat ta' żdingar li tinsab fih, hi fil-perklu imminenti li ssofri ħsarat irreversibbli, li jxejjen il-valur ta' Patrimonju tal-imsejħa Blackley Bakery, Kington House u l-bini ancillary ta' magħha u għalhekk qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tal-imsemmija propjetà skont l-artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Għalhekk, l-Awtorità tiddikjara li:

(i) Fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni, is-sid għandu jinforma lill-MEPA dwar il-bidu tax-xogħol neċessarju għat-tiswija, tindif u restawr tal-partijiet tal-proprjetà li huma, jew li jistgħu jkunu, fi stat ħażin, jew perikolanti, u dan skont il-*Method Statement* approvat fil-permess *outline* li jġib in-numru PA6021/95/70h maħruġ fil-21 ta' Lulju, 2010.

(ii) Is-sid għandu jesegwixxi x-xogħlijiet kollha, kif elenkat f'(i) 'il fuq, fi żmien 6 xhur minn meta li jirċievi t-tweġiba mill-MEPA, u dan skont l-istruzzjonijiet u l-kundizzjonijiet li jista' jkun hemm fiha.

(iii) Ix-xogħlijiet għandhom isiru taħt is-sorveljanza tal-MEPA a spejjeż tal-applikant.

(iv) Il-manutenzjoni tal-binjiet kollha f'dan il-kumpless huma r-responsabbiltà esklussiva tas-sid, li għandu jindukrahom u jżommhom f'kundizzjoni tajba b'mod regolari.

Kwalunkwe programm ta' restawr fil-futur għandu jitfassal fuq il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u protokolli stabbiliti mill-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom.

Jekk il-protezzjoni tal-iskedar li tagħti n-Notifika tal-Gvern 241/97 u 340/01 tiġi affettwata ħażin b'kontravenzjoni ta' din l-Ordni ta' Konservazzjoni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 81, 86, 87, 88 and 90 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq proprjetà Skedata.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

349/01 published in the Government Gazette dated 20th April 2001 to re-grade the properties No. 3 (building and open area immediately adjoining Kington House) and No. 4 ("Willkommen") in Triq Blackley as Grade 3 buildings.

The Authority takes note that the property has been left in a state of neglect and is suffering from natural deterioration and is in danger of imminent and irreversible damage which will rescind the heritage value of said Blackley Bakery, Kington House and its Ancillary Buildings, and is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above in accordance with Article 81 of the Environment and Development Planning Act. For this reason the following provisions apply

(i) Within a month from the publication of this order, the owner is to inform MEPA about the commencement of works necessary for the repair, cleaning and the restoration of the parts of the property that are, or may be in a poor condition or structurally unsafe as per approved Restoration Method Statement of outline planning permit PA 6021/95/70h issued on 21st July, 2010.

(ii) The owner is to carry out the remedial works, as in (i) above, within 6 months from MEPA's reply according to instructions and any conditions included in the reply.


(iii) The works shall be monitored by MEPA at expense of the owner.

(iv) The maintenance of the said buildings forming the complex shall be exclusively the responsibility of the owner/s by means of a continuous maintenance programme.

All restoration works have to follow criteria established by the Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory.

If the scheduling protection afforded through Government Notice 241/97 and Government Notice 349/01 is adversely affected in contravention of this Conservation Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 81, 86, 87, 88 and 90 of the Environment and Development Planning Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

19th December, 2014


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment & Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E54391, N72003
Max E54855, N72418
Title :-
Conservation Order
Blackley Bakery, Kington House & Ancillary Buildings at Triq id-Duluri, Gwardamangia Hill and Triq Blackley, Pieta
Property
Form No. :- MU004
TRIQ BLACKLEY
KAPPELLA
KNISJA
TRIQ SANTA MONIKA
TRIQ TAD-DULURI
TRIQ SAN ĠUŻEPP
ĊIMITERJU
GNIEN
TRIQ PATRI ĠWANN FREMOD O.P.
TRIQ PATRI VIĊENZ PORTELLI O.P.
GWARDAMANGIA
TRIQ GASAN
0
20
40
60
80m
N

Nru. 1302

MINISTERU GĦALL- ENERĠIJA U S-SAĦĦA

Skema għar-Reġistrazzjoni ta' Korsijiet ta' Taħriġ li jwasslu għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Installaturi ta' Sistemi tal-Enerġija li Jiġġeddu, Provdituri ta' Servizzi ta' Enerġija, Verifikaturi tal-Enerġija u *Managers* tal-Enerġija

Bil-għan li jinġieb 'il quddiem l-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu konformement mar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi li Jiġġeddu, u biex jiġi inkoraġġit l-użu ta' enerġija konformement mar-Regolamenti dwar l-Effiċenza fl-Enerġija u Ko-ġenerazzjoni, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa qiegħed jagħmel din l-iskema li ġejja għar-reġistrazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' Sistemi tal-Enerġija li Jiġġeddu, provdituri ta' servizzi ta' enerġija,verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija.

SKEMA

1. Tifsir

(a) Kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra f'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern, għandhom japplikaw it-tifsiriet li hemm fl-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, fir-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u Ko-ġenerazzjoni, 2014, (L.S. 423.27) u fir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi li Jiġġeddu (L.S. 423.19).

(b) F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser kull persuna li tagħmel applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' kors ta' taħriġ li jwassal għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa fuq skala żgħira jew ta' sistemi solari fotovoltajċi u solari termiċi jew ta' sistemi ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana, jew ta' verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija, jew ta' provdituri ta' servizzi ta' enerġija;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' kors ta' taħriġ li jwassal għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa fuq skala żgħira jew ta' sistemi solari fotovoltajċi u solari termiċi jew ta' sistemi ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana, jew ta' verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija jew ta' provdituri ta' servizzi ta' enerġija bil-mod meħtieġ mill-Awtorità u kif hawn f'din l-iskema;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta);

"klijent" tfisser klijent ta' installatur ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu jew ta' verifikaturi tal-enerġija jew ta' *managers*

No. 1302

MINISTRY FOR ENERGY AND HEALTH

Scheme for the Registration of Training Courses Leading to the Certification of Renewable Energy Systems Installers, Providers of Energy Services, Energy Auditors and Energy Managers

In order to promote the use of energy from renewable sources pursuant to the Promotion of Energy from Renewable Sources Regulations and to encourage the efficient use of energy pursuant to the Energy Efficiency and Cogeneration Regulations, the Minister for Energy and Health, is making the following scheme for the registration of training courses leading to the certification of Renewable Energy Systems (RES) installers, providers of energy services, energy auditors and energy managers.

SCHEME

1. Interpretation

Unless otherwise stated in this Government Notice, the definitions in the Malta Resources Authority Act, the Energy Efficiency and Cogeneration Regulations,2014, (S.L. 423.27) and the Promotion of Energy from Renewable Sources Regulations, 2010 (S.L. 423.19) shall apply.

In this scheme, unless the context otherwise requires:

"applicant" means any person who makes an application for the registration of a training course leading to the certification of installers of small-scale biomass, boilers and stoves, or of solar photovoltaic and solar thermal systems, or of shallow geothermal systems and heat pumps, or of energy auditors, or of energy managers or of providers of energy services;

"application" means an application for the registration of a training course leading to the certification of installers of small-scale biomass boilers and stoves, or of solar photovoltaic and solar thermal systems, or of shallow geothermal systems and heat pumps, or of energy auditors, or of energy managers or of providers of energy services in terms of this scheme and in the manner as required by the Authority;

"Authority" means the Malta Resources Authority established by Article 3 of the Malta Resources Authority Act (Cap. 423.);

"customer" means a customer of an installer or of energy auditors, or of energy managers or of provider of energy

tal-enerġija ta' provditur ta' servizzi tal-enerġija ċċertifikat minn provditur ta' taħriġ reġistrat taħt din l-iskema;

"skema" tfisser l-iskema għar-reġistrazzjoni ta' kors ta' taħriġ li jwassal għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa fuq skala żgħira jew ta' sistemi solari fotovoltajċi u solari termiċi jew ta' sistemi ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana, jew ta' verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija, jew ta' provdituri ta' servizzi ta' enerġija, stabbilita b'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern;

"sistema ta' mmaniġġar tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew li jinteraġixxu ta' pjan li jistabbilixxi għan ta' effiċjenza fl-enerġija u strateġija biex jinkiseb dak l-għan;

"verifika tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika li jkollha l-għan li jinkiseb tagħrif adegwat tal-profil eżistenti ta' konsum ta' enerġija ta' xi bini jew grupp ta' binjiet, ħidma industrijali jew kummerċjali jew installazzjoni jew servizz privat jew pubbliku, billi jiġu identifikati u kkwantifikati opportunitajiet li jnaqqsu l-kost ta' ffrankar fl-enerġija, u li jiġu rrappurtati r-riżultanzi.

"provditur ta' servizzi tal-enerġija" tfisser persuna naturali jew legali li tipprovdi servizzi tal-enerġija u, jew miżuri oħra li jtejbu l-effiċjenza tal-enerġija fil-faċilità jew fis-sit;

"provditur ta' taħriġ" tfisser persuna naturali jew legali li tipprovdi taħriġ għar-rigward ta' installaturi ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu, jew ta' verifikaturi tal-enerġija jew *managers* tal-enerġija jew ta' provdituri ta' servizzi tal-enerġija;

2. Applikabbiltà

Din l-iskema għandha tapplika għall-korsijiet ta' taħriġ għal min jeżerċita fis-setturi ta' enerġija li tiġġedded u effiċjenza fl-enerġija.

3. Klawsola transitorja

Il-korsijiet ta' taħriġ ipprovduti qabel ma tibda sseħħ din in-Notifikazzjoni tal-Gvern mill-Università ta' Malta u mill-MCAST u elenkati fi Skeda II, għandhom jitqiesu li jkunu ġew irreġistrati taħt din in-Notifikazzjoni tal-Gvern sakemm, iżda, dik ir-reġistrazzjoni tibqa' valida sal-14 ta Diċembru 2015. Kull ċertifikazzjoni maħruġa kif hemm f'dawk il-korsijiet ta' taħriġ għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' żmien ta' ħames snin mid-data tal-ħruġ ta' dik iċ-ċertifikazzjoni.

L-Avviż tal-Gvern 404 tal-2013 huwa b'dan qiegħed jiġi revokat. Dak kollu li sar taħt dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern għandu jitqies li sar taħt dan l-Avviż tal-Gvern.

Bla ħsara għar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni (L.S.423.27), l-

services certified by a training provider registered under this scheme;

"scheme" means the scheme for the registration of a training course leading to the certification of installers of small-scale biomass boilers and stoves, or of solar photovoltaic and solar thermal systems, or of shallow geothermal systems and heat pumps, or of energy auditors, or of energy managers or of providers of energy services, established by this Government Notice;

"energy management system" means a set of interrelated or interacting elements of a plan which sets an energy efficiency objective and a strategy to achieve that objective;

"energy audit" means a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy savings opportunities, and reporting the findings;

"providers of energy services" means a natural or legal person that delivers energy services, or other energy efficiency improvement measures in a facility or premises;

"training provider" means any natural or legal person who provides training in regard to renewable energy systems, or energy auditors, or energy managers or to providers of energy services.

2. Applicability

This scheme shall apply to training courses for practitioners in the renewable energy and energy efficiency sectors.

3. Transitory clause

The training courses provided prior to the entry into force of this Government Notice by the University of Malta and by MCAST and listed in Schedule II, shall be deemed to have been registered under this Government Notice provided however that such registration shall remain valid until the 14th December 2015. Any certification issued in terms of those training courses shall remain valid for a period of time of five years as from the date of issue of that certification.

Government Notice No. 404 of 2013 is hereby revoked. Anything done under that Government Notice shall be deemed to have been done under this Government Notice.

Subject to regulation 10(2) of the Energy Efficiency and Cogeneration Regulations, 2014 (S.L. 423.27), nothing in

ebda ħaġa taħt din in-Notifikazzjoni tal-Gvern mgħandha tiġi mifhuma jew imfissra li tipprekludi l-intrapriżi milli jqabbdu esperti interni bl-esperjenza u t-taħriġ neċessarju biex iwettqu verifika tal-enerġija taħt dawk ir-regolamenti.

4. Mod kif issir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-applikazzjoni

(a) Biex applikazzjoni tkun valida taħt din l-iskema, din għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità mill-applikant permezz tal-formola murija fi Skeda I li tinsab ma' din in-Notifikazzjoni tal-Gvern u għandu jkun fiha kull informazzjoni, dettall u dokument imsemmija f'dik il-formola, u hekk kif jista' jenħtieġ kif hawn f'din l-iskema;

(b) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom magħhom id-dokumenti elenkati fil-formola ta' applikazzjoni, u kull dokument ieħor li l-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, jista' jkun jeħtieġ u li jgħarraf dwarhom minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta;

(ċ) Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li jkunu konformi mal-ħtiġiet kollha tal-iskema taħt dan l-Avviż tal-Gvern li għandhom jiġu rreġistrati mal-Awtorità kif hawn f'dan l-Avviż tal-Gvern.

5. Kriterji tal-Iskema

(a) Applikazzjonijiet li ma jkunux konformi ma' xi wieħed mill-kriterji meħtieġa mill-iskema meta ssir l-applikazzjoni għandhom jiġu miċħuda.

(b) Il-korsijiet ta' taħriġ elenkati taħt Klawsola 10(a) sa 10(d) għandhom jinkludu valutazzjoni teoretika u prattika li twassal għal ċertifikat li jinħareġ mill-provditur tat-taħriġ. Il-valutazzjoni għandha teżamina jekk persuna jkollhiex il-ħiliet meħtieġa biex tinstalla t-tagħmir u sistemi rilevanti biex ikun hemm konformità mal-ħtiġiet ta' twettiq u affidabbiltà tal-klijent, biex tinkorpora maestrija ta' kwalità, u tikkonforma ruħha ma' kull kodiċi u *standard* applikabbli, inklużi l-enerġija u l-ittikkettjar dwar l-ekoloġija.

(ċ) Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' min ikun qiegħed jitħarreġ u li jkun mniżżel f'korsijiet li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa fuq skala żgħira jew ta' sistemi solari fotovoltajċi u solari termiċi jew ta' sistemi ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana, jew verifikaturi tal-enerġija jew *manager* tal-enerġija, il-valutazzjoni ssir bħala eżami fi tmiem il-kors.

(d) Il-validità taċ-ċertifikazzjoni maħruġa lil min ikun qiegħed jitħarreġ u li jkun attenda b'suċċess għall-korsijiet ta' taħriġ reġistrati taħt dan l-Avviż tal-Gvern għandha tkun ristretta għal perjodu ta' żmien ta' (i) ħames snin sa mid-data tal-ħruġ ta' dik iċ-ċertifikazzjoni għall-installaturi, u (ii) ta' għaxar snin sa mid-data tal-ħruġ ta' dik iċ-ċertifikazzjoni għall-korsijiet għall-*manager* tal-enerġija u verifikaturi tal-enerġija.

this Government Notice shall be understood or construed as precluding enterprises from tasking in-house experts with suitable experience and training from carrying out energy audits under such regulations.

4. Manner of application and documents to be submitted together with the application

(a) For an application to be valid under this scheme, it has to be submitted to the Authority by the applicant by means of the form shown in Schedule I to this Government Notice and shall contain all the information, details and documents as mentioned in such form, and as may be required in terms of this scheme;

(b) Applications shall be accompanied by the documents listed in the application form, and any other document which the Minister for Energy and Health, may require and make known from time to time by means of a notice in the Gazette;

(c) Only those applications that are in compliance with all the requirements of the scheme under this Government Notice shall be registered with the Authority in terms of this Government Notice.

5. Scheme criteria

(a) Applications which do not meet any one of the criteria required by the scheme at the time of application shall be rejected.

(b) The training courses defined in Clause 10 (a) to 10(d) shall include a theoretical and practical assessment leading to a certificate issued by the training provider. The assessment shall test whether the person has the skills required to install the relevant equipment and systems to meet the performance and reliability needs of the customer, incorporate quality craftsmanship, and comply with all applicable codes and standards, including energy and eco-labelling.

(c) For the purposes of the assessment of trainees enrolled in courses leading to the certification of installers of small-scale biomass boilers and stoves or of solar photovoltaic and solar thermal systems or of shallow geothermal systems and heat pumps or energy auditors or energy managers, the assessment shall take the form of an examination at the end of the course.

(d) The validity of the certification issued to trainees who have successfully attended training courses registered under this Government Notice shall be restricted for a period of time of (i) five years as from the date of issue of that certification for installers, and (ii) ten years as from the date of issue of the certification for energy manager and energy auditor course.

Seminar jew kors ta' aġġornament ikun meħtieg biex iċ-ċertifikazzjoni tibqa' valida.

6. Validità ta' applikazzjoni

M'għandhiex titqies li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx mimlija għal kollox u kompleta f'kull dettall materjali u kemm-il darba din ma jkunx fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa, u jkollha magħha d-dokumentazzjoni kollha mitluba. Applikazzjoni titqies li tkun ġiet approvata u kors ta' taħriġ jitqies li jkun ġie validament irreġistrat mal-Awtorità biss wara li tingħata l-approvazzjoni speċifika bil-miktub mill-Awtorità.

7. Meta tibda sseħħ l-iskema

Applikazzjonijiet għall-iskema jistgħu jkunu validament riċevuti mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż tal-Gvern fil-Gazzetta.

L-iskema għandha tibqa' operattiva u fis-seħħ sa dak iż-żmien meta l-iskema tiġi modifikata jew imtemma permezz ta' Avviż pubblikat fil-Gazzetta mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa.

8. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa għandu jkollu d-dritt f'kull waqt li jagħmel kull emenda f'din l-iskema permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta li jkun fih dawk l-emendi.

9. Kriterji għar-reġistrazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ

Kors ta' taħriġ jista' jkun irreġistrat mal-Awtorità malli jiġu sodisfatti dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-provditur tat-taħriġ jiġi stabbilit jew stabbilit mill-ġdid taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni jew ikollu liċenza bħala provditur kif hemm fir-Regolamenti tal-2012 dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla. Għall-finijiet ta' din l-iSkema, "provditur" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija bl-artikolu 63 tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Il-provditur tat-taħriġ jista' jkun il-manifattur tat-tagħmir jew tas-sistema, istituti jew assoċjazzjonijiet;

(b) il-provditur tat-taħriġ għall-korsijiet elenkati taħt klawsola 10 (a) sa 10 (d) għandu:

(i) ikollu faċilitajiet tekniċi adegwati biex jipprovdi taħriġ prattiku, inkluż tagħmir tal-laboratorju jew faċilitajiet korrispondenti li jipprovdu taħriġ prattiku;

(ii) jinkludi kemm partijiet teoretiċi u prattiċi;

A refresher seminar or course would be necessary for continued certification.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material particulars and unless it contains all the information required, and is accompanied by all the documentation requested. An application shall be deemed to have been approved and a training course to have been validly registered with the Authority only when specifically approved in writing by the Authority.

7. Entry into force of the scheme

Applications for the scheme may be validly received as from the date of publication in the Gazette of this Government Notice.

The scheme shall remain operative and in force until such time as the scheme is modified or terminated by means of a Notice published in the Gazette by the Minister for Energy and Health.

8. Amendments to the scheme

The Minister for Energy and Health shall at all times have the right to make any amendments to this scheme by means of a notice published in the Gazette containing such amendments.

9. Criteria for registration of training courses

A training course may be registered with the Authority upon satisfying the following criteria:

(a) the training provider is established or re-established under the Education Act or is licensed as a provider in accordance with the Further and Higher Education (Licensing, Accreditation and Quality Assurance) Regulations, 2012. For the purposes of this Scheme, "provider" shall have the same meaning assigned to it by article 63 of the Education Act. The training provider may be the manufacturer of the equipment or system, institutes or associations;

(b) the training provider for training courses listed in clause 10 (a) to 10 (d) shall:

(i) have adequate technical facilities to provide practical training, including laboratory equipment or corresponding facilities to provide practical training;

(ii) include both theoretical and practical parts;

(ċ) il-provditur tat-taħriġ joffri, b'żieda mat-taħriġ bażiku, korsijiet ta' aġġornament iqsar fuq affarijiet topiċi, inklużi dawk dwar teknoloġiji ġodda, biex ikun jista' jingħata tagħlim tul il-ħajja f'installazzjonijiet;

10. Korsijiet ta' taħriġ eliġibbli għar-reġistrazzjoni

Il-korsijiet ta' taħriġ li jistgħu jiġu rreġistrati huma dawn li ġejjin. Korsijiet li mhumiex elenkati f'dan il-paragrafu m'għandhomx jiġu reġistrati.

a) installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa fuq skala żgħira;

b) installaturi ta' sistemi solari fotovoltajċi;

c) installaturi ta' sistemi solari termiċi;

d) installaturi ta' sistemi ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana;

e) verifikaturi tal-enerġija[1]

f) *manager* tal-enerġija

g) provdituri ta' servizzi tal- enerġija

11. Eliġibbiltà ta' min ikun qiegħed jitħarreġ

Il-prerekwiżiti għat-taħriġ għandhom ikunu limitati għal kull min ikun qiegħed jitħarreġ b'esperjenza tax-xogħol, li jkun għadda, jew jinsab għaddej, minn dawn it-tipi ta' taħriġ li ġejjin:

(a) fil-każ ta' installaturi ta' *boiler* u ta' stufa tal-bijomassa: taħriġ bħala *plumber*, min iwaħħal il-pajpijiet, inġinier tat-tisħin jew *technician* ta' tagħmir sanitarju u tat-tisħin jew tkessiħ;

(b) fil-każ ta' installaturi ta' pompa tas-sħana: taħriġ bħala *plumber* jew inġinier tar-refriġerazzjoni u jkollhom ħiliet elettriċi u fil-*plumbing* bażiċi (jaqtgħu il-pajpijiet, jistannjaw ġonot tal-pajpijiet, jinkullaw ġonot tal-pajpijiet, *lagging*, siġillar ta' muntaġġi, ittestjar għal tnixxijiet u installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin jew tkessiħ);

(ċ) fil-każ ta' installatur ta' tagħmir solari fotovoltajku, taħriġ bħala elettriċista u jkollhom ħiliet elettriċi u xogħol fuq il-bjut, inkluża konoxxenza ta' ssiġillar ta' muntaġġi, abbiltà li jikkumnikaw *wires*, ikunu familjari ma' materjali bażiċi tas-soqfa, metodi ta' għeluq bil-metall u ssiġillar bħala prerekwiżit:

(i) aktar minn hekk min ikun qed jitħarreġ qabel ma jiġi ċċertifikat mill-provditur tat-taħriġ għandu jkun detentur ta' awtorizzazzjoni A fil-każ ta' installazzjonijiet solari fotovoltajċi *single-phase;* jew

[1] Ma jwassalx għal ċertifikazzjoni ta' assessur tal-EPB taħt L.S. 513.01

(c) The training provider offers, in addition to the basic training, shorter refresher courses on topical issues, including on new technologies, to enable life-long learning in installations;

10. Training courses eligible for registration

The training courses that may be registered are the following. Courses not listed in this paragraph shall not be registered.

(a) installers of small-scale biomass boilers and stoves;

(b) installers of solar photovoltaic systems;

(c) installers of solar thermal systems;

(d) installers of shallow geothermal systems and heat pumps;

(e) energy auditors[1]

(f) energy managers

(g) providers of energy services

11. Eligibility of trainees

Prerequisites to the training shall be limited to trainees with work experience, who have undergone, or are undergoing, the following types of training:

(a) in the case of biomass boiler and stove installers, training as a plumber, pipe fitter, heating engineer or technician of sanitary and heating or cooling equipment;

(b) in the case of heat pump installers, training as a plumber or refrigeration engineer and have basic electrical and plumbing skills (cutting pipe, soldering pipe joints, gluing pipe joints, lagging, sealing fittings, testing for leaks and installation of heating or cooling systems);

(c) in the case of a solar photovoltaic installer, training as an electrician and have electrical and roofing skills, including knowledge of sealing fittings, ability to connect wiring, familiar with basic roof materials, flashing and sealing methods as a prerequisite;

(i) in addition the trainee before being certified by the training provider shall hold an authorisation A in the case of single-phase solar photovoltaic installations; or

[1] does not lead to certification as an EPB assessor under S.L.513.01

(ii) awtorizzazzjoni B fil-każ ta' installazzjoni solari fotovoltajka *three-phase* maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 423.39); jew

(iii) fil-każ kemm ta' installazzjonijiet solari fotovoltajċi *single-phase* u installazzjonijiet solari fotovoltajċi *three-phase* grad fl-inġinerija elettrika;

(d) fil-każ ta' installatur ta' tagħmir solari termiku, taħriġ bħala *plumber* u jkollhom ħiliet fil-*plumbing* u xogħol fuq il-bjut inkluża konoxxenza ta' stannjar ta' ġonot ta' pajpijiet, inkullar ta' ġonot ta' pajpijiet, ittestjar għal tnixxijiet mill-*plumbing* u ssiġillar ta' muntaġġi, abbiltà li jikkumnikaw *wires*, ikunu familjari ma' materjali bażiċi tas-soqfa, metodi ta' għeluq bil-metall u ssiġillar bħala prerekwiżit; jew

(e) skema ta' taħriġ vokazzjonali li tipprovdi lill-installatur b'ħiliet adegwati li jikkorrispondu għall-edukazzjoni ta' tliet snin fil-ħiliet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) ta' din il-klawżola inkluż tagħlim li jingħata kemm fil-klassi u fil-post tax-xogħol, sakemm (c) ikun għadu japplika fil-każ ta' installaturi solari fotovoltajċi;

(f) fil-każ ta' verifikaturi tal-enerġija, persuna bi kwalifika ta' MQF livell 6 jew iktar fl-Inġinerija jew bi kwalifika ta' MQF livell 6 jew iktar f'suġġett relatat max-xjenzi applikati;

(ġ) fil-każ ta' *manager* tal-enerġija, persuna bi kwalifika ta' MQF livell 4 jew iktar fl-Inġinerija jew bi kwalifika ta' MQF livell 4 f'suġġett jew iktar relatat max-xjenzi applikati.

12. Kontenut tal-Kors

(1) Il-parti teoretika tat-taħriġ ta' installatur tal-istufa u *boiler* tal-bijomassa għandha tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fis-suq tal-bijomassa u tkun tkopri l-aspetti ekoloġiċi, il-karburanti tal-bijomassa, loġistika, ħarsien kontra n-nirien, sussidji relatati, teknikalitajiet ta' kombustjoni, sistemi kif jinbeda t-tħaddim ta' apparat, l-aħjar soluzzjonijiet idrawliċi, paragun bejn kost u profitti kif ukoll id-disinn, installazzjoni, u manutenzjoni ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa. It-taħriġ għandu wkoll jipprovdi konoxxenza tajba ta' *standards* Ewropej dwar it-teknoloġija u karburanti tal-bijomassa, bħal *pellets*, u liġijiet nazzjonali u Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-bijomassa.

(2) Il-parti teoretika tat-taħriġ ta' installatur tal-pompa tas-sħana għandha tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fis-suq tal-pompi tas-sħana u tkun tkopri riżorsi ġeotermiċi u temperaturi minn sorsi taħt l-art f'reġjuni differenti, l-identifikazzjoni tat-terren u tal-blat għall-konduttività termika, regolamenti fuq l-użu ta' riżorsi ġeotermiċi, il-fattibbiltà li jintużaw pompi tas-sħana f'binjiet u li tiġi stabbilita s-sistema ta' pompa tas-sħana l-aktar adatta, u konoxxenza dwar il-ħtiġiet tekniċi tagħhom, sigurtà, filtrar tal-arja, konnessjoni mas-sors tas-sħana u l-firxa tas-sistema. It-taħriġ għandu jkun

(ii) an authorisation B in the case a three-phase solar photovoltaic installation issued under the Electrical Installations Regulations 2010 (S.L. 423.39), or

(iii) in the case of both single and three phase solar photovoltaic installations a degree in electrical engineering;

(d) in the case of a solar thermal installer, training as a plumber and have plumbing and roofing skills including knowledge of soldering pipe joints, gluing pipe joints, testing for plumbing leaks, sealing fittings, ability to connect wiring, familiar with basic roof materials, flashing and sealing methods as a prerequisite; or

(e) a vocational training scheme to provide an installer with adequate skills corresponding to a three years education in the skills referred to in paragraphs (a), (b), (c) and (d) of this clause including both classroom and workplace learning, provided that (c) still applies in case of solar photovoltaic installers;

(f) in the case of energy auditors an individual qualified to MQF level 6 or higher in Engineering or a qualification at MQF level 6 or higher in a related applied science

(g) in the case of energy manager an individual qualified to MQF level 4 or higher in Engineering or a qualification at MQF level 4 or higher in a related applied science;

12. Course contents

(1) The theoretical part of the biomass stove and boiler installer training shall give an overview of the market situation of biomass and cover ecological aspects, biomass fuels, logistics, fire protection, related subsidies, combustion techniques, firing systems, optimal hydraulic solutions, cost and profitability comparison as well as the design, installation, and maintenance of biomass boilers and stoves. The training shall also provide good knowledge of any European standards for technology and biomass fuels, such as pellets, and biomass related national and Community law.

(2) The theoretical part of the heat pump installer training shall give an overview of the market situation for heat pumps and cover geothermal resources and ground source temperatures of different regions, soil and rock identification for thermal conductivity, regulations on using geothermal resources, feasibility of using heat pumps in buildings and determining the most suitable heat pump system, and knowledge about their technical requirements, safety, air filtering, connection with the heat source and system layout. The training shall also provide good knowledge of

jipprovdi wkoll konoxxenza tajba ta' *standards* Ewropej għal pompi tas-sħana, u ta' liġijiet relevanti. L-installatur għandu juri dawn il-kompetenzi ewlenin li ġejjin:

(i) konoxxenza bażika tal-prinċipji fiżiċi u kif taħdem pompa tas-sħana, inklużi l-fattizzi taċ-ċiklu tal-pompa tas-sħana: kuntest bejn it-temperaturi baxxi tal-*heat sink*, it-temperaturi għoljin tas-sors ta' sħana, u l-effiċjenza tas-sistema, determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' twettiq (COP) u fattur ta' twettiq staġjonali (SPF);

(ii) konoxxenza tal-komponenti u tal-funzjoni tagħhom fi ħdan ċirklu ta' pompa tas-sħana, inkluż il-kumpressur, valvola ta' espansjoni, evaporatur, kondensatur, attrezzaturi fissi u muntaġġi, żejt lubrikanti, refriġeranti, tisħin żejjed u tkessiħ baxx ħafna u possibbiltajiet ta' tkessiħ b'pompi tas-sħana; u

(iii) l-abbiltà li tagħżel u tqis il-komponenti f'sitwazzjonijiet ta' installazzjoni tipika, inkluż li jiġu stabbiliti l-valuri tipiċi tal-akkumulu ta' sħana ta' binjiet differenti u għall-produzzjoni ta' ilma sħun ibbażata fuq il-konsum tal-enerġija, li tiġi stabbilita l-kapaċità tal-pompa tas-sħana fuq l-akkumulu ta' sħana għall-produzzjoni ta' ilma sħun, fuq il-massa tal-ħżin tal-bini u fuq provvista ta' kurrent li ma tiġix interrotta; li tistabbilixxi l-komponent ta' *buffer tank* u l-volum tiegħu u l-integrazzjoni ta' sistema ta' tisħin sekondarja.

(3) Il-parti teoretika tat-taħriġ ta' installatur ta' solari fotovoltajċi u solari termiċi għandu jagħti ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni fis-suq ta' prodotti solari u l-kost u paraguni dwar il-profitti li jistgħu jsiru, u tkun tkopri aspetti ekoloġiċi, komponenti, fattizzi u qisien ta' sistemi solari, selezzjoni ta' sistemi preċiżi u qisien ta' komponenti, li tiġi stabbilita d-domanda għas-sħana, ħarsien minn nirien, sussidji relatati, kif ukoll id-disinn, installazzjoni u manutenzjoni ta' installazzjonijiet solari fotovoltajċi u solari termiċi. It-taħriġ għandu wkoll ikun jipprovdi għal konoxxenza tajba ta' *standards* Ewropej għat-teknoloġija, u ċertifikazzjoni bħal *Solar Keymark*, u oħrajn simili f'liġijiet nazzjonali u Komunitarji. L-installatur għandu juri dawk il-kompetenzi ewlenin li ġejjin:

(i) l-abbiltà li jaħdem b'mod sigur billi juża l-għodda u t-tagħmir meħtieġ u jimplimenta kodiċijiet ta' sigurtà u *standards* u jidentifika perikli f'kull xogħol idrawliku, elettriku u ieħor assoċjat mal-installazzjonijiet solari;

(ii) l-abbiltà li jidentifika sistemi u l-komponenti speċifiċi tagħhom minn sistemi attivi u passivi, inkluż id-disinn mekkaniku;

(iii) l-abbiltà li tiġi stabbilita l-lokazzjoni tal-komponenti u l-firxa u l-konfigurazzjoni tas-sistema;

(iv) l-abbiltà li jiġi stabbilit il-post tal-installazzjoni, orjentament u angolu meħtieġa għas-solari fotovoltajċi u

any European standards for heat pumps, and of relevant legislation. The installer shall demonstrate the following key competences:

(i) a basic understanding of the physical and operation principles of a heat pump, including characteristics of the heat pump cycle: context between low temperatures of the heat sink, high temperatures of the heat source, and the efficiency of the system, determination of the coefficient of performance (COP) and seasonal performance factor (SPF);

(ii) an understanding of the components and their function within a heat pump circle, including the compressor, expansion valve, evaporator, condenser, fixtures and fittings, lubricating oil, refrigerant, superheating and sub-cooling and cooling possibilities with heat pumps; and

(iii) the ability to choose and size the components in typical installation situations, including determining the typical values of the heat load of different buildings and for hot water production based on energy consumption, determining the capacity of the heat pump on the heat load for hot water production, on the storage mass of the building and on interruptible current supply; determine buffer tank component and its volume and integration of a second heating system.

(3) The theoretical part of the solar photovoltaic and solar thermal installer training shall give an overview of the market situation of solar products and cost and profitability comparisons, and cover ecological aspects, components, characteristics and dimensioning of solar systems, selection of accurate systems and dimensioning of components, determination of the heat demand, fire protection, related subsidies, as well as the design, installation, and maintenance of solar photovoltaic and solar thermal installations. The training shall also provide good knowledge of any European standards for technology, and certification such as Solar Keymark, and related national and Community law. The installer shall demonstrate the following key competences:

(i) the ability to work safely using the required tools and equipment and implementing safety codes and standards and identify plumbing, electrical and other hazards associated with solar installations;

(ii) the ability to identify systems and their components specific to active and passive systems, including the mechanical design;

(iii) ability to determine the components' location and system layout and configuration;

(iv) the ability to determine the required installation area, orientation and tilt for the solar photovoltaic and solar water

għall-*water heater* solari, kont meħud tad-dell, aċċess għax-xemx, integrità strutturali, kemm tkun adatt l-installazzjoni għall-bini jew il-klima u jidentifika metodi ta' installazzjoni differenti li jkunu adatti għal tipi ta' soqfa u għall-bilanċ ta' tagħmir għas-sistema meħtieġ għall-installazzjoni; u

(v) għal sistemi solari fotovoltajċi partikolarment, l-abbiltà li jiġi adattat id-disinn elettriku, inkluż li jiġu stabbiliti l-kurrenti tad-disinn, filwaqt li jintgħażlu tipi kondutturi adatti u skali għal kull ċirkuwitu elettriku, fejn jiġi stabbilit id-daqs adatt, skali u postijiet għal kull tagħmir u subsistema assoċjati u jintgħażel punt ta' interkonnessjoni adatt.

(4) It -taħriġ lill-verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija għandu jwassal:

(i) verifikaturi tal-enerġija biex jagħmlu verifikar konformi ma':

(a) EN ISO 50002 jew EN 16247-1 (Verifikar tal-enerġija), jew

(b) Jekk tkun inkluża verifika tal-enerġija, EN ISO 14000 (Sistema ta' Mmanniġġar Ambjentali)

(ii) u *managers* tal-energija biex jistabillixxu, jimplimentaw, iżżommu u jtejbu sistema ta' mmaniġġar tal-enerġija fuq il-linji gwida ta' ISO 50001 Sistema ta' Mmanniġġar tal-Enerġija).

Partikolarment, il-verifikatur tal-enerġija għandu jkun jista' joħroġ verifiki li jkunu bażati fuq dawn il-linji gwida li ġejjin:

(i) ikunu bażati fuq informazzjoni operattiva traċċabbli aġġornata, imkejla, fuq il-konsum ta' enerġija u (għall-elettriku) profili ta' tagħbija;

(ii) jikkomprendu reviżjoni dettaljata tal-profil ta' konsum ta' enerġija ta' binjiet jew gruppi ta' binjiet, xogħlijiet jew installazzjonijiet industrijali, inkluż it-trasport;

(iii) jinbnew, meta jkun possibbli, fuq analiżi tal-prezz ta' *life-cycle* (LCCA) minflok *Simple Payback Periods* (SPP) biex jittieħed kont ta' ffrankat tul perjodu twil, valuri residwi ta' investimenti tul perjodu twil u rati ta' skont;

(iv) ikunu proporzjonali, u sufiċjentement rappreżentattivi hekk li jippermettu li tiġi abbozzata stampa affidabbli ta' adempiment ġenerali ta' enerġija u identifikazzjoni affidabbli tal-aktar opportunitajiet sinifikattivi għat-titjib;

(v) jippermettu kalkoli dettaljati u validati għall-miżuri proposti sabiex tiġi provduta informazzjoni ċara dwar iffrankar potenzjali;

(vi) ikunu bażati fuq informazzjoni li tkun tista' tinħażen għal analiżi storika u traċċar ta' adempiment.

heater, taking account of shading, solar access, structural integrity, the appropriateness of the installation for the building or the climate and identify different installation methods suitable for roof types and the balance of system equipment required for the installation; and

(v) for solar photovoltaic systems in particular, the ability to adapt the electrical design, including determining design currents, selecting appropriate conductor types and ratings for each electrical circuit, determining appropriate size, ratings and locations for all associated equipment and subsystems and selecting an appropriate interconnection point.

(4) The training to energy auditors and energy manager shall lead:

(i) energy auditors to carry out audits in line with:

(a) EN ISO 50002 or EN 16247 -1 (Energy Audits), or

(b) If including an energy audit, EN ISO 14000 (Environmental Management Systems)

(ii) And energy managers to establish, implement, maintain and improve an energy management system in line with ISO 50001 (Energy Management Systems).

In particular, the energy auditor shall be able to issue audits that are based on the following guidelines:

(i) be based on up-to-date, measured, traceable operational data on energy consumption and (for electricity) load profiles;

(ii) comprise a detailed review of the energy consumption profile of buildings or groups of buildings, industrial operations or installations, including transportation;

(iii) build, whenever possible, on life-cycle cost analysis (LCCA) instead of Simple Payback Periods (SPP) in order to take account of long-term savings, residual values of long-term investments and discount rates;

(iv) be proportionate, and sufficiently representative to permit the drawing of a reliable picture of overall energy performance and the reliable identification of the most significant opportunities for improvement;

(v) allow detailed and validated calculations for the proposed measures so as to provide clear information on potential savings;

(vi) be based on data that is storable for historical analysis and tracking of performance.

13. Elenku ta' installaturi ċertfikati ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu, ta' provdituri ta' servizzi ta' enerġija, ta' verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija

(1) Il-provditur tat-taħriġ għandu jipprovdi lill-Awtorità elenku tal-persuni li jkunu ġew ċertifikati minnu bħala installaturi ċertfikati ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu, verifikaturi tal-enerġija, *managers* tal-enerġija, u bħala provdituri ta' servizzi ta' enerġija. Il-provditur tat-taħriġ għandu jżomm lill-Awtorità infurmata f'kull waqt, minn tal-inqas mat-tmiem ta' kull kors li jinżamm (inkluż is-*seminars* ta' aġġornament) tal-informazzjoni relattiva għal kull installatur ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu, verifikaturi tal-enerġija, *managers* tal-enerġija u tal-provdituri ta' servizzi ta' enerġija li jkunu ġew iċċertifikati fit-tmiem ta' dak il-kors jew *seminar* ta' aġġornament.

(2) L-Awtorità għandha tagħmel pubbliku permezz tal-*website* tagħha l-informazzjoni li tirrigwarda l-installaturi ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu, verifikaturi tal-enerġija, manaġers tal-enerġija u tal-provdituri ta' servizzi ta' enerġija li jkunu ġew ċertifikati, liema informazzjoni għandha tkun ġiet provduta minn qabel mill-provditur tat-taħriġ:

(a) l-isem, kunjom u indirizz tal-persuni li jiġu ċertifikati mill-provdituri tat-taħriġ wara li jkunu għamlu b'suċċess korsijiet ta' taħriġ irreġistrati taħt din l-iskema;

(b) numru tat-telefon jew tal-*mobile* ċellulari tal-persuni li jiġu iċċertifikati minn provdituri tat-taħriġ wara li jkunu għamlu b'suċċess korsijiet ta' taħriġ reġistrati taħt din l-iskema, jekk ikollhom.

(3) L-ebda applikazzjoni jew talba għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (2) m'għandha ssir lill-Awtorità minn installatur ta' sistemi tal-enerġija li jiġġeddu jew provditur ta' servizzi ta' enerġija u l-ebda informazzjoni m'għandha tiġi ppubblikata mill-Awtorità, sakemm ma tkunx ġiet provduta mill-provditur ta' taħriġ.

14. Validità u għal kemm żmien iddum reġistrazzjoni taħt l-iskema

Reġistrazzjoni ta' kors ta' taħriġ taħt din l-iskema ddum valida għal sitta u tletin (36) xahar kalendarju li jibdew għaddejjin mid-data tal-approvazzjoni mill-Awtorità ta' applikazzjoni magħmula kif hemm f'dan l-Avviż tal-Gvern. Madankollu, il-validità tar-reġistrazzjoni tal-kors ta' taħriġ għandha tiġġedded awtomatikament, kemm-il darba min jirreġistra ma jintalabx mill-Awtorità japplika mill-ġdid taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li din tista' tistabbilixxi u tiġi notifikata lil min jirreġistra sa mhux iżjed tard minn sitt (6) xahar kalendarju minn meta tiskadi l-validità tar-reġistrazzjoni.

13. List of certified installers, providers of energy services, energy auditors and energy managers

(1) The training provider shall provide to the Authority a list of persons who have been certified as installers of renewable energy systems, energy auditors, energy managers and as providers of energy services. The training provider shall keep the Authority continually informed, at the least upon the conclusion of any course held (including refresher seminars) of the information relative to each installer of renewable energy systems, energy auditors, energy managers and provider of energy services who has been certified at the end of such course or seminar.

(2) The Authority shall make publicly available through its web-site the following information relating to installers, energy auditors, energy managers and providers of energy services who have been certified, which information shall have been previously submitted by the training provider :

(a) name, surname and address of the persons who are certified by training providers after successfully pursuing training courses registered under this scheme;

(b) telephone or mobile number of the persons who are certified by training providers after successfully pursuing training courses registered under this scheme, if available.

(3) No application or request for publication of the information mentioned in paragraph (2) may be made to the Authority by an installer, energy auditor, energy manager or provider of energy services, and no such information may be published, unless provided by the training provider.

14. Validity and duration of registration under the scheme

The duration of the validity of the registration of a training course under this scheme shall be of thirty-six (36) calendar months to be reckoned as from the date of the approval by the Authority of an application made in accordance with this Government Notice. However, the validity of the registration of the training course shall be automatically renewed, unless the registrant is required by the Authority to re-apply under the terms and conditions it may establish and made known to the registrant by not later than six (6) calendar months from the expiry of the validity of the registration.

SKEDA I

Formola ta' applikazzjoni.

Reġistrazzjoni ta' Korsijiet li jwasslu għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Installaturi ta' *boilers* u stufi tal-bijomassa, PV solari u sistemi termiċi fuq skala żgħira, ġeotermiċi fil-baxx u pompi tas-sħana, verifikaturi tal-enerġija u *managers* tal-enerġija u provdituri ta' servizzi ta' enerġija –
APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' PROVDITURI TAT-TAĦRIĠ U KORSIJIET RELATATI

1. Kategorija tal-Applikazzjoni						
Jekk jogħġbok immarka "⎷" fil-kaxxa adatta:						
☐ *Boilers* u stufi tal-Bijomassa fuq skala żgħira	☐ Sistemi Fotovoltajċi	☐ Sistemi Solari termiċi	☐ Ġeotermiċi fil-baxx u Pompi tas-sħana	☐ Verifikaturi tal-enerġija[2]	☐ *Manager* tal-Enerġija	☐ Provditur tas-Servizzi tal-Enerġija

Dettalji ta' Min Japplika	
2. Isem il-Provditur tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ :	
3. Indirizz:	
4. * Nru. tal-Liċenza:	*** Ehmeż kopja tal-Liċenza:**

5. Rappreżentant(i) legali tal-Provditur tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ			
Isem:	**ID / Nru. tal-Passaport:**	**Nru. tal-Kuntatt:**	***e-mail*:**

**In-numru tal-Liċenza mhux meħtieġ għall-Università ta' Malta u għall-Kulleġġ Malti tal-Arti Xjenza u Teknoloġija, billi dawn l-istituzzjonijiet jinsabu mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni*

Dettalji tal-Kors li ssir Applikazzjoni għalih	
6. Titlu ta' Kwalifika:	
7. Livell MQF:	
8. Riferenza nru. tal-Kors:	
9. Dikjarazzjoni mill-MQRIC li jirrikonoxxi l-kors	☐ Iva ☐ Le *(Ehmeż kopja tad-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent)*

MQRIC # huwa ċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u Informazzjoni

[2] Ma jwassalx għal ċertifikazzjoni ta' assessur tal-EPB taħt L.S. 513.01

10. Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant(i) Legali

Jiena / Aħna, firmatarju(i) hawn taħt iffirmat(i), qiegħed/qegħdin b'dan nikkonferma(w) li l-informazzjoni li hawn f'din l-applikazzjoni (inkluż kull dokumenti li ġie ppreżentat) hija veritiera u korretta, u li din tirrappreżenta b'mod preċiż l-informazzjoni li qegħda tintalab.

Jiena / Aħna nintrabat(tu) li ninformaw lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi b'kull tibdil fl-informazzjoni li jista' jsir minn żmien għal żmien u li jinsab f'din l-applikazzjoni, u fid-dokumentazzjoni li hi meħtieġa li tiġi ppreżentata flimkien ma' din l-applikazzjoni. Jiena / Aħna nawtorizza(w) ukoll lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi li tagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa biex tivverifika din l-informazzjoni. Jiena / Aħna nintrabat(tu) wkoll li nagħti(u) kull informazzjoni oħra li tista', minn żmien għal żmien, tenħtieġ mill-Awtorità.

Jiena / Aħna nagħti(u) l-kunsens tiegħi/tagħna lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex tiġbor *data* personali dwari(na) minn kull Dipartiment tal-Gvern, korp pubbliku, istituzzjoni jew awtorità oħra. Jiena / Aħna nagħti(u) wkoll il-kunsens tiegħi/tagħna lill-Awtorità li titlob lill-Kummissarju tal-Pulizija jippreżentalha ċertifikat(i) tal-kondotta komplet(i) dwar il-kundanni kriminali tiegħi/tagħna taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77).

Jiena / Aħna nagħti(u) l-kunsens tiegħi/tagħna lill-Awtorità biex tgħaddi *data* personali jew kull tip ieħor ta' informazzjoni lil terzi (inklużi Dipartimenti tal-Gvern, korpi pubbliċi, istituzzjonijiet jew awtoritajiet oħra li jkunu qegħdin jeżerċitaw l-awtorità uffiċjali tagħhom), għalkollox jew biss f'parti, meta dan ikun meħtieġ li jsir jew ikun permess bil-liġi.

Jiena / Aħna qiegħed/qegħdin b'dan niddikjara(w) li:

a) It-taħriġ tiegħi/tagħna għandu l-faċilitajiet meħtieġa biex jipprovdi kemm taħriġ teoretiku kemm prattiku;
b) It-taħriġ tiegħi/tagħna ser jinkludi kemm sessjonijiet teoretiċi kemm prattiċi ;
c) Il-valutazzjoni tal-kors għandha tkun fil-forma ta' eżami fi tmiem il-kors;
d) It-taħriġ tiegħi/tagħna ser joffri korsijiet ta' aġġornament iqsar għal dawk l-installaturi li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom tkun skadiet;
e) L-istudenti reġistrati fil-kors ser ikollhom il-ħtiġiet ta' reġistrazzjoni u l-prerekwiżiti imfissra fl-Artikolu (10) tal-"iSkema għar-reġistrazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' Sistemi tal-Enerġija li Jiġġeddu u provdituri ta' servizzi ta' enerġija", sa meta dawn jiġu ċertifikati.
f) Il-kontenut kollu tal-kors mill-inqas ikopri, is-suġġetti u l-ħtiġiet imfissra fl-Artikolu (11) tal-"iSkema għar-reġistrazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni ta' installaturi ta' Sistemi tal-Enerġija li Jiġġeddu u provdituri ta' servizzi ta' enerġija", sa meta dawn jiġu ċertifikati.
g) L-istudenti ser jiġu provduti b'Ċertifikat mill-Istituzzjoni ta' taħriġ tiegħi/tagħna meta dawn itemmu l-kors tagħhom b'suċċess.
h) Lista ta' Installaturi Ċertifikati għandha tiġi komunikata lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi wara li jintemm il-kors. Din il-lista ser tinkludi n-numru ta' referenza tal-kors, isem u kunjom l-istudent u ID / Nru. tal-Passaport, indirizz ta' kuntatt, numru tat-telefon jew ċellulari/ *mobile*, numru taċ-ċertifikat u data tal-ħruġ.

Firma (bi qbil ma' dak kollu hawn qabel dikjarat fis-sħuħija tiegħu)	**Isem/ismijiet kompleti tal-Firmatarju(i):**	**Pożizzjoni preżenti**	**Nru. tal-Karta tal-Identità / Passaport:**	**Nru. tat-Telefon / *Mobile (ċellulari)*:**

_____ ____/____/____

Timbru Data

Avviż dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

Kull *data* personali ppreżentata lill-Awtorità għandha tintuża biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' Notifikazzjonijiet u/jew Awtorizzazzjonijiet konsegwenti. L-informazzjoni tista' madankollu tingħadda lil terzi (inklużi awtoritajiet, dipartimenti jew korpi oħra tal-Gvern waqt li jkunu qegħdin jeżerċitaw l-awtorità uffiċjali tagħhom), għalkollox jew biss f'parti, meta dan ikun meħtieġ li jsir jew ikun permess bil-liġi.

Taħt il-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*, tista' titlob/tistgħu titolbu, bil-miktub, informazzjoni dwar id-*data* personali li ninsabu detenturi tagħha dwarek(kom). Għalkemm ser isir kull sforz raġonevoli biex inżommu l-informazzjoni dwarek(kom) aġġornata, int(om) mitlub(a) tgħarraf(fu)na b'kull bidla li ssir fid-*data* personali li l-Awtorità tkun detentur tagħhom. F'kull każ jekk int(om) tqis(u) li hemm xi informazzjoni dwarek(kom) li mhix preċiża, int tista' titlob/intom tistgħu titolbu li dawk id-*data* jiġu korretti.

11. Dokumentazzjoni

Jekk jogħġbok ippreżenta din id-dokumentazzjoni li ġejja:

a. ☐ Kopja(i) tal-karta(i) tal-identità jew passaport(i) tar-Rappreżentant(i) Legali.

b. ☐ Kopja ta' Liċenza tat-Tagħlim valida maħruġa mill-NCFHE # (Dan ma japplikax għall-UM u MCAST).

c. ☐ Kopja ta' Dikjarazzjoni ta' Rikonoxximent valida maħruġa mill-MQRIC.

NCFHE # hija l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

Għall-uffiċċju biss

Riċevuta u verifikata minn: _____ Timbru uffiċjali:

Firma: _____ Data: ____/____/____

SKEDA II

Lista ta' korsijiet ta' taħriġ provduti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Avviż tal-Gvern:

- Università ta' Malta - Gwida Teknika fuq Installazzjonijiet ta' Sistemi Fotovoltajċi
    1. *Single Phase* – Riferenza : ISE 2101
    2. *Three Phase* – Riferenza : ISE 2103

- Università ta' Malta - Gwida Teknika fuq Installazzjonijiet ta' Sistemi ta' Tisħin tal-Ilma bix-Xemx – Riferenza : ISE 2102

- Kulleġġ Malti tal-Arti Xjenza u Teknoloġija – Sistemi tal-Enerġija li Jiġġeddu u Installazzjonijiet PV
    1. *Single Phase* – Riferenza : EE02011
    2. *Three Phase* – Riferenza : EE01212

- Kulleġġ Malti tal-Arti Xjenza u Teknoloġija – Installazzjoni Solari termika – Riferenza : CE03510P

SCHEDULE I

Application form.

Registration of Courses leading to Certification of Installers of small scale biomass boilers & stoves, solar PV & thermal systems, shallow geothermal & heat pumps, energy auditors, energy managers and providers of energy services – APPLICATION FOR THE REGISTRATION OF TRAINING PROVIDERS AND RELATED COURSES

1. **Application Category**						
Please tick "⎷" against the appropriate box:						
☐ Small Scale Biomass boilers & stoves	☐ Photovoltaic Systems	☐ Solar Thermal Systems	☐ Shallow Geothermal & Heat Pumps	☐ Energy Auditors [2]	☐ Energy Manager	☐ Energy Service Provider

Applicants' Details			
2. **Name of the Education and Training Provider :**			
3. **Address :**			
4. *** License No:**	*(Attach a copy of the License)*		
5. **Legal representative(s) of the Education and Training Provider**			
Name:	**ID / Passport no:**	**Contact No:**	**e/mail:**

*License number is not required for University of Malta and the Malta Council of Arts Science and Technology, these institutions being established under the Education Act

Applied Course Details	
6. **Title of Qualification:**	
7. **MQF Level :**	
8. **Course Reference no:**	
9. **MQRIC's statement of recognition of the course**	☐ Yes ☐ No *(Attach a copy of the statement of recognition)*
MQRIC # is the Malta Qualifications Recognition and Information Centre	

[2] does not lead to certification as an EPB assessor under S.L.513.01

10. Declaration of the Legal Representative(s)

I / We, the undersigned signatory(ies), hereby confirm that the information contained in this application (including any documents submitted) is true and correct, and that it represents accurately the information being requested.

I / We undertake to inform the Malta Resources Authority of any changes in the information that may occur from time to time and contained in this application, and documentation required to be submitted with this application. I / We also authorise the Malta Resources Authority to carry out the necessary investigations in order to verify this information. I / We also undertake to give any other information that may, from time to time, be requested by the Authority.

I / We give my consent to the Malta Resources Authority to retrieve personal data about me from any other Government Department, public body, institution or authority. I / We also give my / our consent to the Authority to request the Commissioner of Police to submit a complete record of my criminal convictions in terms of the Conduct Certificate Ordinance (Cap. 77).

I / We give my / our consent to the Authority to transmit personal data or other types of information to third parties (including other Government Departments, public bodies, institutions or authorities in the exercise of their official authority), in whole or in part, where required or allowed by law.

I / We hereby declare that:

a) Our training has the necessary facilities to provide both theoretical and practical training;
b) Our training will include both theory and practical sessions;
c) The course assessment shall take the form of an examination at the end of the course;
d) Our training will offer shorter refresher updating courses to installers whose certification has expired;
e) The students enrolled in the course would have the entry requirements and prerequisites defined in Article (10) of the "Scheme for the registration of training courses leading to the certification of Renewable Energy Systems installers, energy auditors, energy managers and providers of energy services" , by the time of their certification.
f) The course contents cover as a minimum, the topics and requirements defined in Article (11) of the "Scheme for the registration of training courses leading to the certification of Renewable Energy Systems installers, energy auditors, energy managers and providers of energy services, by the time of their certification.
g) The students will be provided with a Certificate by our training Institution on their successful completion of the course.
h) A list of the Certified Installers should be communicated to the Malta Resources Authority after the completion of the course. This list will include the course reference number, the student's name & surname, ID / Passport number, contact address, telephone or mobile number, certificate number and date of issue.

Signature (in agreement of all of the above in its entirety)	**Full Name(s) of Signatory/ Signatories):**	**Position held**	**Identity Card / Passport No.:**	**Contact Telephone /Mobile No.:**

_____ ____/____/____
Rubber stamp Date

Data Protection Notice

All personal data submitted to the Authority shall be used only in relation to the processing of this application and the management of consequent Notifications and/or Authorisations. The information may however be transmitted to third parties (including other Government authorities, departments or bodies in the exercise of their official authority), in whole or in part, where required or allowed by law.

Under the data protection legislation, you have the right to request, in writing, information on the personal data we hold about you. Although all reasonable efforts will be made to keep your information updated, you are kindly requested to inform us of any change in relation to the personal data held by the Authority. In any case if you consider that certain information about you is inaccurate, you may request the rectification of such data.

11. Documentation

Please submit the following documentation:

a. ☐ Copy(ies) of the identity card(s) or passport(s) of the Legal Representative(s).

b. ☐ A copy of a valid Tuition License issued by NCFHE [#] . (Not applicable to the UoM and MCA

c. ☐ A copy of a valid Statement of Recognition issued by the MQRIC.

NCFHE [#] is the National Commission for Further and Higher Education

For office use

Received and checked by: _____ Official stamp:

Signature: _____ Date: ____/____/____

SCHEDULE II

List of training courses provided prior to the entry into force of this Government Notice:

- University of Malta - Technical Guidance on Photovoltaic Systems Installations

    1. Single Phase – Reference : ISE 2101
    2. Three Phase – Reference : ISE 2103

- University of Malta - Technical Guidance on Solar Water Heating Systems Installations – Reference : ISE 2102

- Malta College of Art Science and Technology – Renewable Energy Systems and PV Installations

    1. Single Phase – Reference : EE02011
    2. Three Phase – Reference : EE01212

- Malta College of Art Science and Technology – Solar Thermal Installation – Reference : CE03510P

Nru. 1303

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
19.12.2014	€31.252	€0.440

Id-19 ta' Diċembru, 2014

No. 1303

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

19th December, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 165

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħamis 25 ta' Diċembru, 2014, fil-5.00 a.m. sal-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru, 2014 minn Triq l-Ibjar (wara l-bieb ta' barra tal-MCC) u Triq il-Mediterran mill-MCC (il-bieb tan-nofs) sa Pjazza Evans.

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru, 2014, fil-5.00 a.m. sal-5.00 a.m. tas-Sibt, 27 ta' Diċembru, 2014 minn Triq l-Ibjar (wara l-bieb ta' wara tal-MCC), Triq il-Mediterran mill-Monument tal-Qampiena sa Pjazza Evans, Pjazza Evans u Triq it-Tramuntana minn Triq il-Merkanti sa Triq Evans.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

POLICE NOTICE

No. 165

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as 'Tow Zones' as indicated.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Thursday, 25th December, 2014, at 5.00 a.m. till 5.00 a.m. of Friday, 26th December, 2014, from Triq l-Ibjar (behind MCC back door) and Triq il-Mediterran from MFCC (middle door) to Pjazza Evans.

On Friday, 26th December, 2014, at 5.00 a.m. till 5.00 a.m. of Saturday, 27th December, 2014, from Triq l-Ibjar (behind MCC back door), Triq il-Mediterran from Bell Monument to Pjazza Evans, Pjazza Evans and Triq it-Tramuntana from Triq il-Merkanti to Triq Evans.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

19th December, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 82 tal-2014

Ħruq ta' Murtali minn Barkun irmiġġat 200 metru minn Gun Wharf – Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li se jinħarqu murtali minn barkun irmiġġat 200 metru minn Gun Wharf/Pinto Wharf 1 fil-Port il-Kbir, l-Erbgħa 31 ta' Diċembru, 2014 għall-ħabta tal-11.30 p.m. fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.29	14°30'.56

Il-ħruq tal-murtali se jibda f'nofsillejl u għandu jdum kwarta. Il-barkun se jitneħħa immedjatament wara.

Il-baħħara għandhom iżommu tal-anqas 200 metru 'l bogħod mill-barkun. Il-bastimenti għandhom jinnavigaw fil-Port il-Kbir b'kawtela u bil-mod. Il-baħħara għandhom jobdu l-istruzzjonijiet kollha li jinħarġu mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Chart affettwata: BA 177.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal-WGS 84 Datum.

Id-19 ta' Diċembru, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 82 of 2014

Fireworks Displays from a Barge Moored 200m from Gun Wharf – Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that a fireworks display will be let off from a barge moored 200m from Gun Wharf/Pinto Wharf 1 in Grand Harbour on Wednesday 31st December, 2014 at about 11.30 p.m. in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.29	14°30'.56

The actual display shall start at midnight and shall last for 15 minutes. The barge will be removed immediately afterwards.

The barge is to be given a wide berth of at least 200 meters. Vessels navigating within the Grand Harbour are to proceed with caution and slow speed. Mariners are to comply with any instructions given by Valletta VTS (Valletta Port Control).

Chart affected BA 177.

Positions are referred to WGS 84 Datum.

19th December, 2014

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Pożizzjoni ta'*Project Officer* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-14 ta' Ottubru, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Officer* fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' 36 xahar bħala *Project Officer* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Position of Project Officer in the Office of the Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 14th October, 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity invites applications for the position of Project Officer in the Office of the Permanent Secretary.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a 36 month assignment as a Project Officer in the Office of the Permanent Secretary**,** which may be renewed for further periods.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Project Officer* hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il(12) xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Project Officer* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (bħalissa €20,938.00).

Dmirijiet

4**.** Il-*Project Officer* għandu jirraporta direttament lis-Segretarju Permanenti u jrid jipparteċipa fir-riċerka, u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-*policies* soċjali.

Id-dmirijiet ta' *Project Officer* jinkludu:

(a) J/tassumi responsabbiltà ta' superviżjoni għall-proġetti jew strateġiji fi ħdan il-Ministeru, li jirrikjedu approċċ korporattiv;

(b) J/tiġbor, j/tanalizza u j/tiddokumenta data biex tiżviluppa konklużjonijiet b'appoġġ għall-programmi, *policies* u inizjattivi tal-Ministeru b'referenza partikulari għal studiji u kwistjonijiet soċjoloġiċi;

(c) J/tikkontribwixxi għat-tfassil ta' proġetti jidħol għalihom il-Ministeru minn żmien għal żmien;

(d) J/tabbozza rapporti analitiċi b'rabta ma' *policy areas* identifikati u j/tassessja l-implikazzjonijiet ta' żviluppi ġodda lokali u internazzjonali b'referenza partikulari għal kwistjonijiet soċjoloġiċi;

(e) J/tinterpreta rapporti soċjo-ekonomiċi u statistika maħruġa minn istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali;

(f) J/tirrakomanda għażliet ta' *policy,* inizjattivi jew proposti ta' proġetti lis-*senior management* fir-rigward ta' *policy areas* tal-Ministeru b'referenza partikulari għall-kwistjonijiet soċjoloġiċi;

(g) J/tippreżenta sejbiet u rakkommandazzjonijiet li jirriżultaw minn studji fattibbli, operazzjonijiet u reviżjonijiet tal-organizzazzjoni;

(h) J/tassisti lis-Segretarju Permanenti fl-implimentazzjonijiet tal-programm ta' ħidma;

(i) J/timmonitorja, j/tevalwa u j/tirraporta fuq l-andament tal-iżvilupp tal-programm ta' ħidma tal-Ministeru;

(j) J/Tevalwa riżultati ta' proġetti, *policies* u strateġiji;

(k) J/Tappoġġa l-eżekuzzjoni ta' proġetti b'mod ġenerali kif u meta mitlub;

2.2 The position of Project Officer is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Project Officer is equivalent to the maximum point of Salary Scale 9 (currently €20,938.00).

Duties

4. The Project Officer will report directly to the Permanent Secretary and will participate in research, and contribute to, the implementation of social policies.

The duties of Project Officer include:

(a) Undertake supervisory responsibility for projects or strategies within the Ministry which require a corporate approach;

(b) Gathers, analyses and documents data to develop conclusions in support of the Ministry's programmes, policies and initiatives, with particular reference to sociological studies and issues;

(c) Contribute to the drawing up of projects which are undertaken from time to time by the Ministry;

(d) Draft analytical reports in relation to identified policy areas and assess the implications of new local and international developments with particular reference to sociological issues;

(e) Interpret socio-economic and statistical reports issued by national and international institutions;

(f) Recommend policy options,initiatives or project proposals to senior management with respect to the Ministry's policy areas with particular reference to sociological issues;

(g) Present findings and recommendations arising from feasibility studies, operations and organisation reviews;

(h) Assist the Permanent Secretary in implementing the work programme;

(i) Monitor, evaluate and report on the ongoing development of the Ministry's work programme;

(j) Evaluate outcomes of projects, policies and strategies;

(k) Supports the execution of projects in general if and when required;

(l) J/timmaniġġa jew j/tipparteċipa fi proġetti kif assenjat;

(m) J/tappoġġa l-iżvilupp ta' oġġettivi, strateġiji, pjanijiet ta' ħidma u baġits tal-proġett;

(n) Iżomm/Iżżomm aġġornat/a ma' proposti ta' politika nazzjonali relevanti għall-qasam usa' tal-politika soċjali;

(o) J/tipparteċipa f'xogħol ta' riċerka biex j/tidentifika opportunitajiet ta' Fondi mill-Unjoni Ewropea għall-proġetti korporattivi;

(p) J/tipparteċipa f'kumitati u *assignments* li jinkludu konferenzi, *seminars,* u laqgħat kemm lokalment u kif ukoll barra minn skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti;

(q) Dmirijiet oħra kif assenjat mis-Segretarju Pemanenti kif meħtieġ minn żmien għal żmien;

(r) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta'

(l) Manage or participate in projects as assigned;

(m) Support in the development of project objectives, strategies, work plans, and budgets;

(n) Keep abreast of national policy proposals relevant to the wider field of social policy;

(o)Participate in research work to identify EU Funding opportunities for corporate projects;

(p) Participate in committees and assignments including conferences, seminars and meetings both locally and abroad as instructed by the Permanent Secretary;

(q) Any other duties assigned by the Permanent Secretary as required from time to time.

(r) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been

ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom:

(a) *First degree* pertinenti f'livell 6 tal-MQF, fis-Soċjoloġija, jew Politika Soċjali jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol relevanti.

